# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# It-Tnejn 13 ta' Ġunju 2011

# Il-Malti: Is-Smigħ

# Ħin: 30 minuta

**NOTA:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, l-għalliema huma mitluba jaqraw dan l-iskript.**

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba tfal!

Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta flimkien mal-eżerċizzji se jinqraw darbtejn.

Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 3.

---------------*waqfa ta' 10 sekondi*--------------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

---------------*waqfa ta' 25 sekonda*--------------------

Issa se tinqara l-ewwel silta.  Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta**

Sinjuri, l-għodwa t-tajba lilkom. Jien, il-Kaptan Joseph Borg, nilqagħkom abbord l-ajruplan Boeing 737 għat-titjira lejn l-ajruport ta' Fiumicino f'Ruma.

Se nagħtikom ftit informazzjoni qabel nitilqu. It-titjira mistennija tieħu madwar siegħa u għaxar minuti. It-temp illum huwa ftit imsaħħab bi ftit ċpar. It-temperatura hi 20 grad. Bi pjaċir ngħidilkom li t-temp f'Ruma bħalissa huwa bnazzi b'temperatura pjaċevoli ta' 22 grad.

Waqt it-titjira se nilħqu l-għoli ta' 10,000 metru. Tistgħu ssegwu r-rotta minn fuq l-iskrin li għandkom quddiemkom. Jekk ikun hemm bżonn nagħmlulkom is-sinjal u nitolbukom biex toqogħdu bilqiegħda u tilbsu ċ-ċinturin tas-sigurtà. F'dan il-ħin għall-ebda raġuni ma tkunu tistgħu tqumu minn postkom. Jekk ikollkom bżonn xi ħaġa, agħmlu sinjal lil xi membru tal-kru biex jaqdikom u jgħinkom bl-aħjar mod li jista'.

Issa nistedinkom issegwu b'attenzjoni l-proċeduri ta' sigurtà.

Nawguralkom titjira tajba, komda u rilassanti.

Mill-ġdid, merħba abbord!

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan li smajna kien riklam. Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Dan hu **FALZ**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **FALZ**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

It-titjira qed issir filgħodu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Il-kaptan tat-titjira lejn Ruma hu Joseph Borg.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx ?

-------------- *waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

Il-kaptan avża li f'Ruma hemm ħafna maltemp.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx ?

-------------- *waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

It-titjira se ddum erba' sigħat.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx ?

-------------- *waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru sitta:**

Fuq l-ajruplan kien hemm Ġermaniżi u Franċiżi biss.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx ?

-------------- *waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed naqraw:

**Din is-silta li smajna hija...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli:

**...diskors ta' kaptan.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Din is-silta li smajna hija diskors ta' kaptan.**

Issa se tinqara Kolonna A u wara se tinqara Kolonna B. Waqt il-qari tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

Numru tnejn: **Id-diskors tal-kaptan sar...**

Numru tlieta: **Il-passiġġieri jistgħu jsegwu r-rotta...**

Numru erbgħa: **L-ajruplan se jtir f'għoli ta'...**

Numru ħamsa: **Il-membri tal-kru qegħdin biex...**

Numru sitta: **Il-kaptan fl-aħħar tad-diskors...**

Issa ser tinqara **Kolonna B**:

**...jgħinu u jaqdu lill-passiġġieri.**

**...awgura titjira tajba lil kulħadd.**

**...qabel it-titjira.**

**...minn fuq l-iskrin.**

**...għaxart elef metru.**

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

Se terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

| |
|---|
| Sinjuri, l-għodwa t-tajba lilkom. Jien, il-Kaptan Joseph Borg, nilqagħkom abbord l-ajruplan Boeing 737 għat-titjira lejn l-ajruport ta' Fiumicino f'Ruma.<br><br>Se nagħtikom ftit informazzjoni qabel nitilqu. It-titjira mistennija tieħu madwar siegħa u għaxar minuti. It-temp illum huwa ftit imsaħħab bi ftit ċpar. It-temperatura hi 20 grad. Bi pjaċir ngħidilkom li t-temp f'Ruma bħalissa huwa bnazzi b'temperatura pjaċevoli ta' 22 grad.<br><br>Waqt it-titjira se nilħqu l-għoli ta' 10,000 metru. Tistgħu ssegwu r-rotta minn fuq l-iskrin li għandkom quddiemkom. Jekk ikun hemm bżonn nagħmlulkom is-sinjal u nitolbukom biex toqogħdu bilqiegħda u tilbsu ċ-ċinturin tas-sigurtà. F'dan il-ħin għall-ebda raġuni ma tkunu tistgħu tqumu minn postkom. Jekk ikollkom bżonn xi ħaġa, agħmlu sinjal lil xi membru tal-kru biex jaqdikom u jgħinkom bl-aħjar mod li jista'.<br><br>Issa nistedinkom issegwu b'attenzjoni l-proċeduri ta' sigurtà.<br><br>Nawguralkom titjira tajba, komda u rilassanti.<br><br>Mill-ġdid, merħba abbord! |

**Se jerġa' jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

*Dan li smajna kien riklam.* Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Dan hu **FALZ**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **FALZ**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

It-titjira qed issir filgħodu.

Veru, falz, jew ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Il-kaptan tat-titjira lejn Ruma hu Joseph Borg.

Veru, falz, jew ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

Il-kaptan avża li f'Ruma hemm ħafna maltemp.

Veru, falz, jew ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

It-titjira se ddum erba' sigħat.

Veru, falz, jew ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru sitta:**

Fuq l-ajruplan kien hemm Ġermaniżi u Franċiżi biss.

Veru, falz, jew ma ssemmietx ?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.

Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed naqraw:

**Din is-silta li smajna hija...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli:

**...diskors ta' kaptan.**

Għahekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Din is-silta li smajna hija diskors ta' kaptan.**

Issa se tinqara Kolonna A u wara se tinqara Kolonna B. Waqt il-qari tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn**:** | **Id-diskors tal-kaptan sar...** |
| Numru tlieta**:** | **Il-passiġġieri jistgħu jsegwu r-rotta...** |
| Numru erbgħa**:** | **L-ajruplan se jtir f'għoli ta'...** |
| Numru ħamsa**:** | **Il-membri tal-kru qegħdin biex...** |
| Numru sitta**:** | **Il-kaptan fl-aħħar tad-diskors...** |

Issa ser tinqara **Kolonna B**

**...jgħinu u jaqdu lill-passiġġieri.**

**...awgura titjira tajba lil kulħadd.**

**...qabel it-titjira.**

**...minn fuq l-iskrin.**

**...għaxart elef metru.**

*--------------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb ---------------*

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

---------------***Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta***-----------------------

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 4 u paġna 5.

--------------- *Waqfa ta' 5 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

--------------- *Waqfa ta' 45 sekonda* ---------------

Issa ser tinqara t-tieni silta.  Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta.**

| | |
|---|---|
| Anna | Ara Paul! Hemm xi ġralek? Xi zzappap! Ksirt sieqek? |
| | |
| Paul | Ħallini, Anna! Ilwejt sieqi. Ilbieraħ mort nilgħab bil-ballun ma' sħabi u spiċċajt l-isptar. Ma ksirthiex imma nfaxxawhieli u tawni din il-krozza biex inkun nista' nimxi aħjar. |
| | |
| Anna | Ġietek ħażin mela. Imma għidli ħaġa ... tista' tgħidli kif iddeċidejt li tilgħab il-futbol meta jien lilek dejjem nafek bilqiegħda quddiem il-kompjuter? |
| | |
| Paul | Tħajjart wara li ġiet tkellimna l-iskola dik l-atleta li rebħet medalja tad-deheb fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Iddeċidejt li nagħmel ftit eżerċizzju kif qaltilna hi. |
| | |
| Anna | L-affarijiet mhux hekk Paul! ... Mhux sew filli bilqiegħda l-ħin kollu u filli tmur iddur u tagħqad fil-grawnd. Din għoddha b'tagħlima. Ftakar li, biex ma tweġġax fl-isport, importanti li tħejji ruħek tajjeb. |
| | |
| Paul | U iva ... dal-preparamenti kollha! |

| | |
|---|---|
| Anna | Le, tgħidx hekk! Mela int li għoġbok biss bqajt tiftakar minn dak li qalet l-atleta? Qaltilna ċar u tond. Waqt l-isport tajjeb li titħarreġ u tipprepara ruħek sew biex tevita xi ħsara lil saħħtek, Paul. |
| | |
| Paul | Għandek raġun, Anna. Għall-ewwel bdejt inħossni tajjeb. Imma wara ftit bdejt negħja. Bdejt niġri b'ħilti kollha meta ħabta u sabta lwejt sieqi l-leminija u ħadt tkaxkira tajba. |
| | |
| Anna | Mela weġġajt mhux ħażin! |
| | |
| Paul | U kif! Kelli nitlaq mil-logħba. Kemm domt hemm ma stajtx ma nammirax lill-oħrajn. L-aktar lil John. Beda jiġri daqs għafrit! |
| | |
| Anna | U żgur! John imur jilgħab il-futbol kull filgħaxija. Dak jittrenja mal-Klabb. Għidli int kif tista' tilgħab ma' xi ħadd li hu ħafna aktar ippreparat minnek? |
| | |
| Paul | Imma minkejja li weġġajt, xorta ħadt gost. Kulħadd lagħab sew u obda r-regoli. |
| | |
| Anna | Mela l-uniku wieħed li għamel ħażin kont int għax spiċċajt għamilt il-ħsara lilek innifsek. |
| | |
| Paul | Iva, Anna. Imma tgħallimt ħaġa. Kif jgħaddili biħsiebni nagħmel l-eżerċizzju b'mod regolari u nitħajjar nibda t-taħriġ għax indunajt kemm hu importanti l-isport. |

**Issa ser jinqara taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed**:

Paul ma kienx jidher tajjeb għax kien qed

a) jistudja.

b) izappap.

ċ) inaddaf.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha. Is-sentenza sħiħa hija :

**Paul ma kienx jidher tajjeb għax kien qed izappap.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Paul ġralu hekk għax

a) lewa siequ.

b) waqa' t-taraġ u weġġa'.

ċ) kellu inċident tat-traffiku.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Paul weġġa' waqt

a) il-lezzjoni tal-PE.

b) logħba noli.

ċ) logħba futbol.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

Paul kellu jittieħed

a) l-isptar.

b) f'ċentru tas-saħħa.

ċ) il-klabb.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

Paul tħajjar jieħu sehem għax

a) bilfors.

b) sema' atleta titkellem fuq l-isport.

ċ) ma kellux x'jagħmel.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru sitta:**

Paul ammira lil John għax

a) kien gowler tajjeb.

b) kien skorja.

ċ) kien jiġri ħafna.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan li smajt huwa djalogu bejn Anna u **...** **<u>Paul.</u>**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Paul mar jilgħab il-ballun ma' ____________________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Paul, biex jgħin ruħu jimxi tawh ______________

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Paul qatt ma pprattika sport qabel għax kien jieħu gost _______________________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

L-atleta li kellmithom ħadet sehem ________________________________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

*Ħabta u sabta* tfisser ________________________________________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi għal min għadu jikteb* ---------------

Issa ser terġa' tinqara t-tieni silta għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

## Il-Qari tat-Tieni Silta

| | |
|---|---|
| Anna | Ara Paul! Hemm xi ġralek? Xi zzappap! Ksirt sieqek? |
| | |
| Paul | Ħallini, Anna! Ilwejt sieqi. Ilbieraħ mort nilgħab bil-ballun ma' sħabi u spiċċajt l-isptar. Ma ksirthiex imma nfaxxawhieli u tawni din il-krozza biex inkun nista' nimxi aħjar. |
| | |
| Anna | Ġietek ħażin mela. Imma għidli ħaġa ... tista' tgħidli kif iddeċidejt li tilgħab il-futbol meta jien lilek dejjem nafek bilqiegħda quddiem il-kompjuter? |
| | |
| Paul | Tħajjart wara li ġiet tkellimna l-iskola dik l-atleta li rebħet medalja tad-deheb fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Iddeċidejt li nagħmel ftit eżerċizzju kif qaltilna hi. |
| | |
| Anna | L-affarijiet mhux hekk, Paul! Mhux sew filli bilqiegħda l-ħin kollu u filli tmur iddur u tagħqad fil-grawnd. Din għoddha b'tagħlima. Ftakar li, biex ma tweġġax fl-isport, importanti li tħejji ruħek tajjeb. |
| | |
| Paul | U iva ... dal-preparamenti kollha! |
| | |
| Anna | Le, tgħidx hekk! Mela int li għoġbok biss bqajt tiftakar minn dak li qalet l-atleta? Qaltilna ċar u tond. Waqt l-isport tajjeb li titħarreġ u tipprepara ruħek sew biex tevita xi ħsara lil saħħtek, Paul. |
| | |
| Paul | Għandek raġun, Anna. Għall-ewwel bdejt inħossni tajjeb. Imma wara ftit bdejt negħja. Bdejt niġri b'ħilti kollha meta ħabta u sabta lwejt sieqi l-leminija u ħadt tkaxkira tajba. |
| | |
| Anna | Mela weġġajt mhux ħażin! |
| | |
| Paul | U kif! Kelli nitlaq mil-logħba. Kemm domt hemm ma stajtx ma |

| | |
|---|---|
| | nammirax lill-oħrajn. L-aktar lil John. Beda jiġri daqs għafrit! |
| | |
| Anna | U żgur! John imur jilgħab il-futbol kull filgħaxija. Dak jittrenja mal-Klabb. Għidli int kif tista' tilgħab ma' xi ħadd li hu ħafna aktar ippreparat minnek? |
| | |
| Paul | Imma, minkejja li weġġajt, xorta ħadt gost. Kulħadd lagħab sew u obda r-regoli. |
| | |
| Anna | Mela l-uniku wieħed li għamel ħażin kont int għax spiċċajt għamilt il-ħsara lilek innifsek. |
| | |
| Paul | Iva, Anna. Imma tgħallimt ħaġa. Kif jgħaddili biħsiebni nagħmel l-eżerċizzju b'mod regolari u nitħajjar nibda t-taħriġ għax indunajt kemm hu importanti l-isport. |

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Paul ma kienx jidher tajjeb għax kien qed

a) jistudja.

b) izappap.

ċ) inaddaf.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha. Is-sentenza sħiħa hija :

**Paul ma kienx jidher tajjeb għax kien qed izappap.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Paul ġralu hekk għax

a) lewa sieqU.

b) waqa' t-taraġ u weġġa'.

ċ) kellu inċident tat-traffiku.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Paul weġġa' waqt
a) il-lezzjoni tal-PE.
b) logħba noli.
ċ) logħba futbol.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Paul kellu jittieħed
a) l-isptar.
b) f'ċentru tas-saħħa.
ċ) il-klabb.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Paul tħajjar jieħu sehem għax
a) bilfors.
b) sema' atleta titkellem fuq l-isport.
ċ) ma kellux x'jagħmel.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Paul ammira lil John għax
a) kien gowler tajjeb.
b) kien skorja.
ċ) kien jiġri ħafna.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan li smajt huwa djalogu bejn Anna u **... Paul.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Paul mar jilgħab il-ballun ma' ____________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Paul, biex jgħin ruħu jimxi tawh ______________

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Paul qatt ma pprattika sport qabel għax kien jieħu gost _______________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

L-atleta li kellmithom ħadet sehem ________________________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

*Ħabta u sabta* tfisser ______________________________________.

--------------- *Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi.**

**L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

**Saħħa!**